

# NINĊENTIVAW IL-BIDLA

## Strateġija Nazzjonali għad-Dimensja fil-Gżejjer Maltin

2015-2023

Verżjoni għall-persuni bid-dimensja

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ
U ANZJANITÀ ATTIVA

*Ninċentivaw il-Bidla*
Strateġija Nazzjonali għad-Dimensja fil-Gżejjer Maltin
2015-2023

Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva

April 2015

Verżjoni adattata għall-persuni bid-dimensja

ISBN:978-99957-858-3-3





# INTRODUZZJONI MIS-SEGRETARJU PARLAMENTARI

Id-dimensja għandha tifsira sinifikanti għall-pajjiżna speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi tas-saħħa, dawk soċjali u dawk ekonomiċi, u dan minħabba li proporozjon kemmxejn għoli tal-individwi bid-dimensja jagħmlu użu minn servizzi ta' kura fl-isptarijiet, kura residenzjali, kura fit-tul kif ukoll kura fil-komunità.

L-istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja qiegħda hemm bħala l-vuċi nazzjonali tan-nies li jgħixu bid-dimensja, tal-persuni li jagħtu l-kura u tal-familjari tagħhom. Hija tenfasizza mhux biss l-impenn tal-Gvern sabiex jifhem aktar l-impatt tad-dimensja fuq il-popolazzjoni Maltija, iżda wkoll il-wegħda li tittieħed azzjoni immedjata f'bini tal-kapaċità fl-immaniġġjar tad-dimensja u fis-servizzi ta' kura.

Is-serje ta' objettivi u rakkomandazzjonijiet inklużi fl-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja żgur ser iressquna aktar viċin lejn livelli mtejjba ta' kura għall-persuni bid-dimensja, għall-persuni li jagħtuhom il-kura kif ukoll għall-familjari tagħhom. Proposti bħal dawn ser jistimulaw id-diskussjoni dwar x'jista' jikkostitwixxi prattiċi tajba u etiċi fl-immaniġġjar tad-dimensja, kuri alternattivi, u programmi ta' taħriġ u riċerka bi skop fil-qasam tad-dimensja.



# INTRODUZZJONI MILL-AWTUR

Waħda mill-aktar sfidi importanti li qed taffaċċja s-soċjeta' Maltija hija ż-żieda fin-numru ta' individwi bid-dimensja – kundizzjoni li normalment hija kkaratterizzata b'nuqqas ta' memorja, diffikulta' fil-kommunikazzjoni u fl-attivitajiet ta' kuljum. Dan ser iġib miegħu domanda akbar mhux biss fuq is-servizzi tas-saħħa izda ukoll fuq is-soċjeta' kollha minħabba li ħafna mill-kura għal individwi bid-dimensja hija pprovduta mill-membri tal-familja li ħafna drabi huma l-uniku jew is-sors ewlieni.

L-għanta'danil-ktejjebhuwalijindikanumruta'rikommandazzjonijiet imniżżla fl-istrateġija nazzjonali għad-dimensja li ġġieb it-titlu 'Ninċentivaw il-Bidla: Strateġija Nazzjonali għad-Dimensja fil-Gżejjer Maltin (2015-2023)'. Din il-pubblikazzjoni ġiet addatata b'mod li tinkoraġġixxi individwi bid-dimensja sabiex jipparteċipaw b'mod aktar sħiħ f'deċiżjonijiet li jafettwaw ħajjithom.

*L-għan ewlieni tal-istrateġija nazzjonali għad-dimensja*
'Isir titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-individwi bid-dimensja, ta' min jieħu ħsiebhom u tal-membri tal-familja tagħhom'

# Żieda fil-kuxjenza u għarfien dwar id-dimensja

- Iż-żieda fil-kuxjenza u l-għarfien inaqqsu l-biża' u l-istigma assoċjati mad-dimensja
- L-individwi għandhom bżonn informazzjoni u gwida sabiex ikunu konxji tar-riskji u tal-fatturi protettivi
- L-individwi għandhom jirikonoxxu s-sintomi tad-dimensja fi żmien bikri sabiex jingħataw parir professjonali
- It-tisħiħ fl-għarfien dwar id-dimensja huwa fundamentali fl-iżvilupp ta' soċjeta' fejn individwi b'din il-kundizzjoni jiġu milqugħa sabiex ikomplu jipparteċipaw fil-ħajja ta' kuljum

*Fatt*

Id-dimensja m'hiex konsegwenza naturali tal-fatt li tibker fl-eta'

## *Objettivi*

Jinbidel il-mod ta' kif inħarsu lejn id-dimensja

Ninkoraġġixxu l-għajnuna

Nipprovdu gwida

## *Rikommandazzjonijiet ewlenin*

- Żvilupp ta' kampanji informattivi sabiex jipprovdu informazzjoni dwar fatturi ta' riskju, miżuri preventivi u d-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ
- Jiġi promoss u appoġġjat ix-xogħol ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tad-dimensja
- Jiġu organizzati sessjonijiet informattivi u kontinwi għal persuni li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett ma' individwi bid-dimensja (eżempju – ħaddiema fis-servizz pubbliku)
- Isir tisħiħ fuq il-*Helpline* tad-Dimensja

# Dijanjożi u intervent f'waqthom

- Il-maġġorparti ta' individwi bid-dimensja ma jiġux dijanjostikati fiż-żmien bikri tal-kundizzjoni
- Id-dimensja tista tolqot individwi t'età żgħira
- Dijanjożi f'waqta isaħħaħ il-kwalità tal-ħajja u tillimita d-dħul f'istituzzjoni residenzjali
- Dijanjożi f'waqta tipermetti lill-individwu bid-dimensja sabiex jippjana minn qabel u jagħmel għażliet personali għall-futur

*Helpline tad-Dimensja*

☎ 22081826

## *Objettivi*

Inżidu r-rata ta' dijanjozi fi stadju bikri tad-dimensja

Proviżjoni ta' informazzjoni dwar id-dimensja u s-servizzi ta' appoġġ

Aċċessibbiltà għall-kura bżonnjuża

## *Rikommandazzjonijiet ewlenin*

- Jiġi promoss il-valur ta' dijanjożi bikrija
- Tiġi żviluppata u mqassma informazzjoni dwar id-dimensja kemm fil-punt li fih issir id-dijanjożi u kemm tul il-kors kollu tal-kundizzjoni
- Jiġi mwaqqaf id-Dementia Intervention Team sabiex jassisti individwi bid-dimensja u lill-qraba tagħhom fil-kommunita'
- Jiġu pprovduti opportunitajiet għal taħriġ fil-kura primarja





# Żvilupp ta' ħaddiema mħarrġa

- It-taħriġ ta' professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa dwar id-dimensja huwa limitat u mhux ileħħaq mal-bżonn
- Li jkollok forza tax-xogħol mħarrġa hija fundamentali sabiex jiġi żgurat servizz ta' kura ta' kwalità għolja
- Approċċ kollaborattiv bejn professjonisti li jaħdmu fis-setturi tas-saħħa u soċjali jiżgura approċċ għal-kura li jkun multidixxiplinari
- Taħriġ ta' persuni li jieħdu ħsieb individwi bid-dimensja għandu l-potenzjal li jittardja d-dħul f'istituzzjoni residenzjali

*Fatt*

*L-Alzheimer's disease* hija l-aktar forma komuni ta' dimensja

## *Objettivi*

Jiġi żgurat li ħaddiema li jaħdmu ma' individwi bid-dimensja

għandhom it-taħrig neċċessarju

## *Rikommandazzjonijiet ewlenin*

- Jiġi pprovdut taħriġ fil-kura tad-dimensja li jiffoka fuq il-pazjent lill-professjonisti li jagħtu l-kura lill-individwi bid-dimensja
- Jiġi pprovdut programm ta' taħriġ għall-persuni li jieħdu ħsieb individwi bid-dimensja
- Jisaħħu sistemi ta' informazzjoni teknoloġika li jiffaċilitaw taħriġ fid-dimensja onlajn
- Jiġi pprovdut taħriġ fil-kura tad-dimensja li jinkludi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu għall-aġġornament tal-abbiltajiet
- Jiġu żviluppati programmi ta' studju fuq livell universitarju fl-immaniġġjar u l-kura tad-dimensja

# Titjib fl-immaniġġjar u fil-kura tad-dimensja

- Ma jeżistix fejqan għall-aktar forom komuni ta' dimensja. L-għan primarju tal-mediċini huwa li jittardja il-progressjoni tal-kundizzjoni
- Kura li ma tkunx ikkordinata u adegwata tikontribwixxi għall-rati akbar ta' dħul f'*nursing homes*
- Kura fil-kommunità li hija ta' livell, flessibbli u għandha approċċ ħolistiku tippermetti individwi bid-dimensja sabiex jibqgħu attivi għal tul ta' żmien akbar
- Proviżjoni ta' kura fit-tul u kura paljattiva tippriserva d-dinjità tal-persuna u timmassimizza il-kwalità tal-ħajja billi tipprovdi l-aqwa livell ta' kumdità

*Ċentru tal-Attivita' għall-Persuni bid-Dimensja*

☎ 21224461

## *Objettivi*

Jiġu pprovduti l-mediċini neċessarji għad-dimensja

Titjib fil-mod ta' kif tingħata l-kura lill-individwi bid-dimensja

Nipprovdu s-servizzi neċċessarji fil-kommunità

Jiġu implimentati miżuri favur persuni bid-dimensja

## *Rikommandazzjonijiet ewlenin*

- Jiġi żgurat li individwi bid-dimensja jkollhom aċċess għall-mediċini u li dawn jiġu riveduti b'mod regolari
- Jiġu żviluppati opportunitajiet ta' taħriġ f'approċċi fil-kura fejn ma jintużawx mediċini
- Jiġi żgurat li l-individwi kollha bid-dimensja għandhom pjan ta' kura li jindirizza attivitajiet ta' għejxien ta' kujum, tiġi promossa l-attività indipendenti u jiġu adatti u żviluppati l-abbiltajiet
- Jiġi żgurat li persuni li jieħu ħsieb individwi bid-dimensja u membri tal-familja jkunu nvoluti fid-deċiżjonijiet li jittieħdu
- Żieda fin-numru ta' Ċentri ta' Matul il-Jum li jispeċjalizzaw fid-dimensja
- Jiġi pprovdut taħriġ lill-ħaddiema li jaħdmu fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum
- Jiżdied in-numru ta' faċilitajiet ta' respite għall-persuni bid-dimensja
- Jiġi pprovdut aċċess għal teknoloġiji assistivi
- Jiġi pprovdut appoġġ għall-persuni li jieħdu ħsieb individwi bid-dimensja sabiex ikomplu jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol waqt li jipprovdu l-kura
- Introduzzjoni tad-Dementia Caregiver Card
- Żvilupp ta' aktar residenzi għall-persuni bid-dimensja li għandhom bżonn kura fit-tul
- Implimentazzjoni ta' miżuri adattati għall-persuni bid-dimensja
- Tiġi pprovduta kura paljattiva kif ukoll kura fi tmiem il-ħajja
- Jiġi żgurat li d-djar tal-kura li jakkommodaw individwi bid-dimensja għandhom standards ta' kwalità

# Approċċ etiku għall-immaniġġjar u kura tad-dimensja

- Individwi bid-dimensja, u dawk li jieħdu ħsiebhom, jaffaċċjaw deċiżjonijiet etiċi diffiċli fl-istadji kollha tal-kundizzjoni
- Individwi bid-dimensja għandha tingħatalhom l-opportunità kollha sabiex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-kura u t-trattament

## *Rikommandazzjonijiet ewlenin*

- Jiġi pprovdut taħriġ u assistenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura etika, ir-rispett lejn il-persuna u lejn il-benesseri tagħha
- Jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp ta' direttivi għal kura avvanzata
- Jingħata kull appoġġ psikoloġiku neċċessarju lill-persuni bid-dimensja, lil dawk li jieħdu ħsiebhom u l-membri tal-familja tagħhom
- Tiġi mħeġġa l-konsultazzjoni bejn il-partijiet konċernati fil-kura u l-immaniġġjar ta' individwi bid-dimensja
- Jiġi assessjat u indirizzat l-abbuż fuq individwi bid-dimensja





# Riċerka

- Riċerka fil-qasam tad-dimensja tirċievi biss fondi minimi
- Hemm nuqqas ta' informazzjoni ta' kif id-dimensja qed taffettwa lis-soċjeta' Maltija
- Ir-riċerka hija essenzjali għall-ippjanar, immaniġġjar u distribuzzjoni tar-riżorsi tas-saħħa u dawk soċjali

## *Rikommandazzjonijiet ewlenin*

- Tiġi promossa u appoġġjata riċerka fil-qasam tal-immaniġġjar u kura tad-dimensja
- Tiġi mfassla u mwettqa riċerka sabiex tassessja l-bżonnijiet mhux milħuqa ta' anzjani bid-dimensja li jgħixu fir-residenzi tagħhom ġewwa l-kommunita', lil min jieħu ħsiebhom u lill-membri tal-familja tagħhom
- Tingħata prijorità lid-dimensja fil-qasam tar-riċerka
- Jiġi faċilitat l-aċċess għall-individwi bid-dimensja li jixtiequ jipparteċipaw fi studji kliniċi



*Klinika tal-Memorja – l-Isptar ta' Rijabilitazzjoni Karin Grech*

☎ *22082000*

*Residenza San Vinċenz de Paul*

☎ *21224461*

*Ċentru Servizz Anzjan*

☎ *22788800*

*Malta Dementia Society*

*www.maltadementiasociety.org.mt*

*Parliamentary Secretariat for the Rights of Persons with Disability and Active Ageing*

*www.activeageing.gov.mt*

activeageing.gov.mt

978-99957-858-3-3

*Ninċentivaw il-Bidla* – Strateġija Nazzjonali għad-Dimensja fil-Gżejjer Maltin 2015-2023

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ
U ANZJANITÀ ATTIVA
PALAZZO FERRERIA, REPUBLIC STREET, VALLETTA, MALTA